MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 24/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Debbie Antoinette Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Debbie Antoinette Vella talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

(1) kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u

meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 [*recte*: 9] tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Debbie Antoinette Vella mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha fuq nuqqas ta' provi;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-23 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeċiedi l-mertu tal-kawża mill-ġdid u ssib lill-appellata ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li minkejja li fil-każ in eżami kien hemm konfessjoni, l-appellata ġiet illiberata fuq teknikalita`. L-istqarrija ta' l-appellata kienet waħda legalment valida li ttieħdet mingħajr ebda theddid, wegħdiet, promessi jew vantaġġi. Tant hu hekk illi l-appellata eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq xhieda ta' l-identita` u l-volontarjeta` ta' l-istess stqarrija. Ma kien hemm ebda irregolarita` meta ttieħdet l-istqarrija u l-liġi *in*

*vigore* dak iż-żmien kienet tipprovdi biżżejjed salvagwardi sabiex tassigura li l-appellata kellha kull dritt li ma tweġibx u ma tiffirmax l-istqarrija. L-Avukat Ġenerali jirreferi għall-każ **Carmel Camilleri vs Malta** (16 ta' Marzu 2000) fejn il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet: *"The Court does not accept the applicant's submission that the decision of the Court of Magistrates to convict him solely on the strength of the impeached statement in reality curtailed his defence rights."* Għalhekk l-Avukat Ġenerali jsostni illi l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fil-każ in eżami.

**6.** Issa, fil-każ in eżami mhuwiex kontestat illi meta l-appellata ġiet arrestata u interrogata mill-Pulizija, fl-ebda ħin ma ngħatat l-opportunita` ta' assistenza legali, u dan peress illi l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali kienu għadhom ma ngħabux fis-seħħ. Ciononostante hija ngħatat il-*caution* skond il-liġi fejn ġiet infurmata li setgħet ma tgħid xejn iżda li dak li tgħid jista' jinġab bi prova.

**7.** Filwaqt illi din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell Kriminali għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar materji kriminali, peress illi l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali suriferiti, tajjeb hawn li ssir referenza għal xi brani mis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali:

**"14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa**

**għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.**
**"….**

**"25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings"[1]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.**

**"26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuż.**

---

[1] Ara wkoll Płonka v. Il-Polonja, para. 34.

**"27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: 'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.'[2]"**

**8.** Din il-Qorti mhijiex se tiddeċiedi l-kwistjoni mill-aspett kostituzzjonali iżda sejra tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-każ in eżami, kif diġa` osservat[3], l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta` sħiħa. Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.

---

[2] Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).
[3] *Supra* para. 7.

**9.** Issa, l-appellata ġiet akkużata kemm b'pussess ta' kokaina kif ukoll b'pussess tar-raża tal-*cannabis* fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel. Fl-istqarrija tagħha, mistoqsija kemm ilha tuża l-kokaina wieġbet: *"about five months"*. Mistoqsija jekk qattx ippruvat xi drogi oħrajn bħal *ecstasy* jew *cannabis*, wieġbet li qatt ma ppruvat *ecstasy* iżda li ġieli pejpet il-*cannabis*. Qalet li l-aħħar li pejpet *joint* kien f'Awissu (l-istqarrija kienet qed tagħmilha f'Settembru). Mistoqsija minn fejn jew mingħand min akkwistat l-aħħar *"cannabis resin joint"* li pejpet, wieġbet: *"from a friend whose identity I do not wish to divulge"*. L-aħħar li użat il-kokaina kien f'Awissu. Din il-Qorti tinnota illi, filwaqt illi l-appellata kienet qed tirreferi għal *cannabis* mingħajr ma tiddistingwi bejn r-raza u l-pjanta, l-uffiċjal investigatur jagħmel il-mistoqsija: *"From where or from whom did you get access to the cannabis resin joint you are saying to have smoked?"* L-appellata ma kinitx qalet illi l-*joint* li kienet pejpet kien tar-raza iżda qalet biss *"cannabis"*. Il-korrettezza kienet tiddetta illi tiġi mistoqsija x'tip ta' *joint* kienet pejpet, jekk hux tar-raza jew tal-weraq. Huwa minnu illi għal dik il-mistoqsija hija xorta wieġbet u wieġbet fis-sens biss illi kienet akkwistat il-*joint* mingħand ħabib u li ma xtaqitx issemmi min kien. Iżda jibqa' dubju jekk kinitx taf x'tip ta' *joint* kienet pejpet, ġaladarba l-liġi tagħmel distinzjoni bejn ir-raza u l-pjanta. Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li t-tieni imputazzjoni ma tinsabx assodata.

**10.** Dwar il-piena jirriżulta li l-appellata kellha u għad għandha fedina penali nadifa u għalhekk għandha tiġi trattata bħala *first-time offender*.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li eżaminat il-provi kollha u rat ir-regolament 9 ta' l-A.L. 22/1985 u l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-appellata Debbie Antoinette Vella ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni, iżda ma ssibhiex ħatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaha, u ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-ħatja bi kliem li

jiftiehem sew li jekk hija jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, tkun tista’ tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------